**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IL-31 TA' OTTUBRU 2019**

**Kawza Numru: 20**

**Rik. Gur. 538/2013 RGM**

**Wara l-ittra ufficjali bin-numru 3413/2012**
**(Dok. "A") fl-ismijiet:**

**Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)**

**vs.**

**Aluminium Extrusions Limited**
**(C 7322) u**

**Raymond Borg (K.I. numru 194856M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors tas-socjeta` Aluminium Extrusions Limited u Raymond Borg** prezentat fil-5 ta' Gunju, 2013 li permezz tieghu ippremettew u talbu is-segwenti:

1. Illi permezz ta' rikors numru 84/2013 VG fl-ismijiet inversi prezentat fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva l-esponenti qeghdin jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara li l-impozizzjoni daparti tad-Direttur Generali intimat ta' taxxa ammontanti ghas-somma ta' tlett mija u sebgha u hamsin elf mitejn u erbgha u sebghin euro u disgha u erbghin cent (€357,274.49) fuq l-esponenti skont l-Att XXIII ta' l-1998 hija infondata u nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi fil-konfront tal-esponenti u li ghalhekk daqstant infondat u null huwa l-allegat avviz ghall-hlas ta' l-istess li allegatament gie spedit mid-Direttur Generali intimat fl-1 ta' Awwissu 2011 u li ghalhekk ukoll il-precitat avviz ghall-hlas li d-Direttur Generali intimat qieghed jallega jikkostitwixxi titolu ezekuttiv favur tieghu u fil-konfront tal-intimati ma jistax jigi ezegwit kontra l-esponenti. Salv dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

2. Illi kif jirrizulta mill-ittra ufficjali datata t-2 ta' Novembru, 2012 fl-ismijiet inversi (Dok. "A") id-Direttur Generali intimat huwa intensjonat li jezegwixxi l-allegat avviz ghall-hlas ta' l-istess li allegatament gie spedit mid-Direttur Generali intimat fit-2 ta' Awwissu, 2011;

3. Illi ghalhekk l-esponenti ghandhom interess illi *pendente lite* u sakemm il-kawza fl-ismijiet inversi tkun ghadha qed tinstema' dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li l-istess avviz ghall-hlas ta' l-istess li allegatament gie spedit mid-Direttur Generali intimat fit-2 ta' Awwissu 2011 u kwindi anke l-ittra ufficjali precitata (Dok. "A") ma jkunux jistghu jigu ezegwiti, u dana sabiex ma jigux pregudikati d-drittijiet tal-esponenti;

Ghaldaqstant, prevja li jinghataw dawk id-dikjarazzjonijiet u provvedimenti kollha necessarji l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina

l-Onorabbli Qorti joghgobha tordnali sakemm jkunu ghadhom pendenti l-proceduri imniedija permezz tar-rikors numru 84/2013 VG fl-ismijiet inversi prezentat fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, lil-allegat avviz ghall-hlas tal-allegat kreditu citat fl-ittra ufficjali fuq imsemmija li allegatament gie spedit mid-Direttur Generali intimat fit-2 ta' Awwissu 2011 u kwindi anke l-ittra ufficjali precitata (Dok. "A") ma jkunux jistghu jigu ezegwiti, u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha timpani.

Bl-ispejjez.

Rat ir-**Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)** prezentata fit-2 ta' Lulju, 2013 fejn jinghad kif gej:

1. Illi hu gie notifikat bir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fil-5 ta' Gunju, 2013, fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ma jkunux jistghu jigu ezegwiti l-allegat avviz ghall-hlas tat-2 ta' Awwissu, 2011, kif ukoll l-allegata ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru, 2012, li allegatament gew mibghuta lilhom mill-esponenti.

2. Illi talba simili diga' giet imressqa mir-rikorrenti fit-13 ta' Marzu, 2013, quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva (ara kopja tar-rikors dok. DG1) fejn ir-rikorrenti ressqu wkoll appell fl-istess data fl-ismijiet *Aluminium Extrustions Limited (C7322) u Raymond Borg (K.I. numru 194856M).*

3. Illi l-istess Tribunal ghandu jipprovdi in camera fuq dik it-talba (ara kopja verbal tas-seduta 14 ta' Mejju, 2013, Dok. VG2).

4. Illi ghalhekk l-esponent umilment jissottometti li din l-Onorabbli Qorti mhux kompetenti sabiex tiddeciedi t-talba kif dedotta.

5. Illi minghajr pregudizzju, r-rikors hu invalidu stante li mhux mibni fuq dispozizzjoni ta' ligi: t-talba tar-rikorrenti mhix kontemplata fil-ligi u ghalhekk m'ghandhom l-ebda dritt jottjenu dak li qeghdin jitolbu, jigifieri li l-esponent ma jezegwix it-titolu ezekuttiv tieghu.

6. Illi *inoltre* skond l-art. 276 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma tista' ssir l-ebda opposizzjoni ghal-esekuzzjoni ta' mandat qabel ma jigi ezegwit dak il-mandat u ghalhekk ir-rikors fl-ismijiet fuq premessa hu intempestiv *stante* li l-esponent ma pprezenta l-ebda mandat.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessa l-esponent jissottometti bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad ir-rikors fl-ismijiet fuq premessa, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-assenjazzjoni ta' din il-kawza f'Awissu 2018 lil din il-Qorti kif issa presjeduta.

Rat l-atti.

Rat id-diversi differimenti li inghataw matul is-snin fuq talba tal-istess rikorrenti fuq il-pretest li r-rikorrenti kienu qed jaghmlu l-ghalmu taghhom sabiex jitransigu l-pendenzi ta' bejn il-partijiet.

Rat li r-rikors thalla ghallum ghad-decizzjoni.

Ikkonsidrat;

L-unika talba li ghandha quddiemha din il-Qorti f'dawn il-proceduri hija sabiex pendenti l-proceduri numru 84/13 quddiem it-Tribunal Amministrattiv, l-intimat ma jezegwixxiex it-titolu ezekuttiv minnu vantatt kontra r-rikorrenti in forza ta' ittra ufficjali numru 3413/12 fl-

ismijiet "Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) vs Aluminium Extrusions Limited et. " prezentata fit-2 ta' Novembru 2012.

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-27 ta' April 2016 fl-ismijiet "Aluminium Extrusions Limited u Raymond Borg vs Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) il-proceduri li raw il-bidu taghhom quddiem it-Tribunal tar-Revizzjoni Amministrattiva li jissemmew fir-rikors promotur gew definittivament fi tmimhom.

Tenut kont illi it-talba mertu ta' dawn il-proceduri hija limitata sabiex il-Qorti tissospendi l-ezekuzzjoni tal-mandat ezekuttiv vantat mill-intimat pendenti l-ezitu finali tal-proceduri istitwiti mill-atturi quddiem it-Tribunal tar-Revizzjoni Amministrattiva, isegwi illi l-mertu tar-rikors promotur in dizamina huwa llum ezawrit.

Minn ezami tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija, jirrizulta li dak l-appell ma kellux ezitu favorevoli ghall-atturi odjerni, u ghalhekk jirrizulta sodisfacentement illi l-atturi ma kellhomx dritt jitolbu s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv naxxenti mill-ittra ufficjali fuq imsemmija.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom ir-rikorrenti.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi bil-mod segwenti:-

1. Tiddikjara illi l-mertu tar-rikors promotur huwa llum ezawrit u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu;

2. Tikkundanna lir-rikorrenti in solidum bejniethom sabiex ihallsu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**